# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum il-Ġimgħa, 9 ta' Frar, 2024.**

**Rikors Nru: 1220/2023 ISB**

**Av. Antoine Camilleri (numru tal-karta tal-identità 495276M) bħala prokuratur speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Louis Vuitton Malletier (*Societe` par actions simplifiee*), ta' 2 rue du Pont-Neuf, 75001 Paris, France**

**Vs**

**Akakus International Limited (C-63292) ta' Pender Gardens, Block 10, Apt 1051, Triq Sant'Andrija, St. Julian's, Malta**

**DAN HUWA DIGRIET MOGĦTI IN CAMERA LLUM GĦAR-RIKORS TAL-AVUKAT DR PETER FENECH BĦALA AMMINISTRATUR TAS-SOĊJETÀ INTIMATA KIF MAĦTUR MILL-ONORABBLI QORTI KRIMINALI B'DIGRIET TAT-3 TA' AWWISSU 2023 U LI PERMEZZ ĦUWA TALAB SABIEX A TENUR TAL-ARTIKOLU 961 TAL-KAP 12 JIĠI KJAMAT IN KAWŻA L-PROSEKUTUR DELEGAT EWROPEW**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-Avukat Dottor Peter Fenech qua amministratur tas-soċjetà intimata, minnu ppreżentat waqt is-seduta tat-12 ta' Jannar 2024.

Rat il-verbal ta' dik l-istess seduta u li fiha r-rikorrenti ngħata zmien sabiex jirrispondi.

Rat ir-risposta tar-rikorrent Avukat Dottor Antoine Camilleri noe tat-2 ta' Frar 2024.

Rat l-atti kollha.

## Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' rikors maħluf tat-28 ta' Ottubru 2023, ir-rikorrenti noe ressaq quddiem din il-Qorti numru ta' talbiet kontra s-soċjetà intimata, wara illi ppremetta illi permezz ta' vapur "APL TEMASEK" ġew importati mis-soċjetà intimata basktijiet, kartieri u portmonijiet li jġibu fuqhom sinjali li huma kważi identiċi għal marki figurattivi li tagħhom is-soċjetà rikorrenti hija detentriċi ta' proprjetà industrijali. Apparti talbiet dikjaratorji, hemm ukoll talbiet sabiex ikunu distrutti l-oġġetti *de quo* a spejjeż tas-soċjetà intimata.

Illi permezz ta' risposta maħlufa, Dr Peter Fenech noe jiddikjara illi huwa ġie maħtur mill-Qorti Kriminali bħala amministratur tas-soċjetà intimata. Jgħid illi jirriżultalu illi s-soċjetà intimata kienet qed taġixxi ta' *freight forwarder* tal-merkanzija mertu tal-proċeduri odjerni. Inoltre mhux qed jiġi kkontestat illi l-merkanzija maqbuda hija waħda ffalsifikata *ai termini* tal-KAP 414 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda jikkontesta illi s-soċjetà intimata hija responsabbli għal xi ħlas ta' kumpens, taxxa u spejjeż. Isostni illi s-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija intimata mhi feliċi xejn u anke bil-għan illi jkunu mitigati l-ispejjeż, huwa kien fittex soluzzjoni amikevoli mas-soċjetà rikorrenti qabel il-bidu ta' dawn il-proċeduri, liema ftehim ma setax jintlaħaq minħabba deċizjonijiet tal-Prosekutur Delegat Ewropew.

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi in linea mar-risposta tagħha, is-soċjetà intimata kif rappreżentata, fl-istat bikri tal-proċeduri, ressqet it-talba għal kjamat in kawża tal-Prosekutur Delegat Ewropew, għal-liema talba qed jingħata dan id-digriet.

Is-soċjetà intimata ssostni fir-rikors tagħha illi hija mhix qed tikkontesta li l-merkanzija *de quo* hija wada falsifikata u kien lest illi jidħol fi ftehim mas-soċjetà rikorrenti għad-distruzzjoni tal-merkanzija a spejjeż ta' din tal-aħħar. Tispjega illi peress illi għad hemm investigazzjonijiet pendenti, il-Prosekutur Delegat Ewropew ma riedx illi tinqered il-merkanzija.

Fid-dawl ta' dan, is-soċjetà intimata kif abbilment rappreżentata mill-Avukat Dr Peter Fenech qed titlob illi "*il-Prosekutur Delegat Ewropew ghandu ukoll jifforma parti minn tali proceduri u jirrispondi ghal dawn it-talbiet kif ukoll jbati kwalunkwe kumpens ghall-ksur u/jew spejjes ta' dawn il-proceduri*" – talba illi qed issir *ai termini* tal-Artikolu 961 tal-KAP 12.

Min-naħa tagħha, is-soċjetà rikorrenti, b'risposta tat-2 ta' Frar 2024, issottomettiet illi hija kienet qed topponi għat-talba mressqa u dan peress illi ssostni illi t-talba hija legalment infondata. Tgħid illi bil-preżenza tal-partijiet fil-kawża, il-ġudizzju huwa integru u l-Prosekutur Delegat Ewropew ma għandu ebda relazzjoni magħha u kwindi jibqa' terz għaliha li miegħu ma għandiex relazzjoni ġuridika.

Issostni illi l-investigazzjonijiet illi qed iwettaq il-Prosekutur Delegat Ewropew qed isiru *ai termini* tal-poteri li huwa għandu, u dawk b'ebda mod ma jwelldu xi relazzjoni ġuridika mas-soċjetà rikorrenti.

Is-soċjetà rikorrenti tagħmel dikjarazzjoni fir-risposta tagħha fis-sens illi tgħid illi "*fl-interess tas-spedjitezza, u sabiex jigi evitat kwalunkwe prolongazzjoni inutile tal-kawza odjerna ghad-detriment taghha, s-soċjetà rikorrenti tinsab disposta sabiex tkopri l-ispejjes relatati mal-attendenza tal-ufficjal tad-Dwana, dawk relatati mal-hazna tal-merkanzija kontrafatta mertu tal-kawza odjern, kif ukoll dawk ghat-trasportazzjoni taghhom ghall-eventwali distruzzjoni u ghad-distruzzjoni tal-istess.*"

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Kif iccitat fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) tat-18 ta' Marzu 2021 fl-ismijiet **Maurine Ann Fabri et vs Avukat tal-Istat** (161/2020JZM):

> *Fid-decizjoni illi tat fit-18 ta` Novembru 1998 fil-kawza "**Direttur Generali tal-Avjazzjonji Civili v. Panta Contracting Limited et**" din il-qorti diversament presjeduta ppronunzjat ruhha dwar fejn tkun mehtiega kjamata fil-kawza.*

> *Il-qorti ghamlet dawn l-osservazzjonijiet :-*
>
> *"In linea tradizzjonali sabiex ikun hemm integrita` tal-giudizzju, b'mod li l-presenza ta` tali terza persuna tkun indispensabbli ghar-reintegrazzjoni u kompletezza tal-proceduri.*
>
> *Ricentement kien hemm diversi kazi fejn giet ordnata il-kjamata in kawza anke jekk il-giudizzju kien integru, u dan sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet ta` min ikun direttament interessat fl-ewwel azzjoni giudizzjarja u li aktar warajha iggib azzjoni ohra, bhala konsegwenza taghha (**Joseph Riolo pro. et noe vs Carmel Muscat et** - App. Civ. 15 ta` Novembru 1991)."*

Illi ssir ukoll referenza għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Jannar 1997 fil-kawża **Anthony Azzopardi et noe. vs Calcedonio sive Donald Attard et**, meta qalet:

> *Illi l-interess li jsejjes is-sejha fil-kawza ghandu jkun fl-ezitu tal-gudizzju, mhux necessarjament fis-sens li l-imsejjah fil-kawza jkun kundannat jew mehlus, imma fis-sens li jsostni r-ragunijiet tal-attur jew tal-imharrek, jew sahansitra tieghu nnifsu differenti minn dawk tal-partijiet.*

Magħruf dan l-insenjament, il-Qorti tqis illi fil-każ odjern, il-preżenza tal-Prosekutur Delegat Ewropew mhix indispensabbli għall-kompletezza tal-proċeduri, u in ogni caso, bid-dikjarazzjoni tas-soċjetà rikorrenti fir-rigward tal-ispejjeż għad-distruzzjoni tal-oġġetti kif raportata aktar 'il fuq, jitnaqqas dejjem aktar il-bżonn tal-kjamat in kawża tal-imsemmi Prosekutur Delegat Ewropew, partikolarment u senjatament, għar-raġunijiet indikati mill-istess soċjetà intimata.

**GĦALDAQSTANT**, għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qed tgħaddi sabiex tiċħad it-talba għas-sejħa fil-kawża tal-Prosekutur Delegat Ewropew kif magħmula mis-soċjetà intimata bir-rikors tagħha tat-12 ta' Jannar 2024.

Spejjeż jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |